**MINUTI**

GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN

IS-SITT LEĠISLATURA 2008 – 2013

**SEDUTA NUMRU 55/06**

Il- Ħamis 28 ta' Marzu 2013

**PREŻENTI**

| | |
|---|---|
| KAV. PAWLU FARRUGIA KLJ CMLJ | SINDKU |
| FRANCIS AGIUS | VIĊI SINDKU |
| LAWRENCE BONAVIA | KUNSILLIER |
| DORIS VELLA | KUNSILLIER |
| KEITH DARMANIN | KUNSILLIER |
| ISHMAEL DALLI | KUNSILLIER |
| CLAUDIENNE LANZON | KUNSILLIER |
| PAUL J. PACE Dip. B. A. (Bus Mangt) MBA | SEGRETARJU EŻEKUTTIV |
| SINJ. ANTONELLA GALEA | ASST. PRINCIPAL |

**AGENDA**

1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti
2. Affarijiet Finanzjarji – Skeda ta' Pagamenti Nru 54/06
3. Għeluq tal-Laqgħa

**TALBA u RINGRAZZJAMENTI**

IS-SINDKU QAL IT-TALBA U PPRESIEDA L-LAQGĦA.

Il-Kav. Paul Farrugia rringrazzja lill-kunsillieri kollha tal-koperazzjoni sħiħa li kellu tul iż-żmien li kien ilu Sindku. Qal li lkoll dejjem ħadmu bħala *team* u jawgura li fil-Leġislatura l-ġdida jibqa' jkun hekk ukoll.

Issejħet mozzjoni ta' ringrazzjament lis-Sindku Paul Farrugia u lill-Viċi Sindku s-Sur Frans Agius għall-ħidma tagħhom.

Is-Sur Keith Darmanin ippropona u s-Sur Lawrence Bonavia ssekonda.
Il-Mozzjoni għaddiet unanimament.

Issejħet mozzjoni ta' ringrazzjament lis-Sinj. Claudienne Lanzon bħala Kunsilliera

Is-Sur Lawrence Bonavia ppropona u s-Sur Keith Darmanin issekonda.
Il-Mozzjoni għaddiet unanimament.

Is-Sinjorina Lanzon irringrazzjat lill-kulħadd tal-għajnuna kemm fil-ħidma tagħha fil-Kunsill kif ukoll saħansitra b'mod personali.

## 1 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

i Il-Minuti tal-Laqgħa tas-Seduta 53/06 ittieħdu bħala moqrija peress li ġew iċċirkulati minn qabel.

ii Dawn ġew approvati unanimament. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku l-Kav. Paul Farrugia u mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Paul J. Pace.

## 2 Komunikazzjoni mis-Sindku (inkluż korrispondenza)

i. Is-Sindku Paul Farrugia qal li għalkemm il-proġett lest u ġie Inawgurat dalgħodu stess, issa għad fadal l-operat tiegħu. Fi proġetti bħal dawn inkunu marbgħutin li għal perjodu ta' ħames snin jistgħu jiġu "Awdituri" jivverifikaw u jiċċekjaw li kollox miexi skond il-ftehim li kien hemm. ERDF

i.i Qal ukoll li għad jonqos li jgħaddu diversi pagamenti. Għadna għaddejjin sabiex il-Perit jidentifika l-ġurnata li l-Kuntrattur effettivament ittermina x-xogħol dovut minnu. Għad-dewmien li dam ser jeħel €100 kuljum bħala penali skond il-kuntratt li jammontaw għal €4000.

i.ii Pawlu Farrugia qal li għalkemm hu mhux ser jibqa' Sindku ma jfissirx li l-proġett ser jabbandunah għax bħalissa huwa rikonoxxut bħala l-Project Leader pero min-naħa l-oħra ma jfissirx li ser jagħmel xi ħames snin responsabbli tiegħu. Ladarba l-proġett ikun konkluż imbagħad jiddeċiedi l-Kunsill min ser jieħu ħsieb l-operat tiegħu.

ii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li x-xogħol fl-area ta' Luqa Road ta' bejn il-blokki lest u rċevejna l-kontijiet u dawn ġew mgħoddija lill-Housing Authority sabiex jivverifikawhom u jgħaddulna l-fondi allokati għalih. Suppost il-Kunsill għandu jieħu €75,000. Proġett-Tisbiħ Luqa Road

ii.i Dwar biċċa art l-oħra in konnessjoni ma' dan il-proġett maħsuba li ssir parkeġġ, il-kera issa ġiet riveduta u tnizzlet għall-€250. Hawnhekk is-Sindku rringrazzja lill-Onor. Jason Azzopardi għall-intervent u għajnuna tiegħu sabiex il-kera ġiet riveduta u tnaqqset konsiderevolment. Parkeġġ propost Luqa Road

iv. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar il-PPP, ix-xogħol għadu għaddej. Jonqos biss it-tarmak. Hawnhekk is-Sindku qara email li rċevejna mingħand ċittadin. Il-Kunsillieri kienu kollha kkupjati b'din l-email. Dan iċ-ċittadin jidher li ma jafx u ma jsegwix lanqas il-fuljett għax it-toroq mitluba minnu fl-ittra sabiex isiru huma diġa nklużi fil-programm ta' xogħlijiet. PPP

iv.i Is-Sindku kompla jgħid li l-WSC diġa' ħarġet l-istimi għal xi toroq oħra li jmiss li jinbdew, kif ukoll inħarġu xi permessi mingħand it-TM.

viii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar l-iSkema għall-Fondi Speċjali għall-Attivitajiet Kulturali li konna applikajna għall-attivita' ta' EPOKA ma ġietx aċċettata. Skema Attivitajiet Kulturali

x. Rigward il-każ li kellna pendenti ma' l-ARRIVA dwar il-każ tal-inċident fil-Monument tal-Vittmi tal-Gwerra, għadna qed nistennew li nirċievu ċ-ċekk għar-rifużjoni li tkopri n-nofs l-ieħor tal-ispejjeż mill-kumpanija CITTADEL. Inċident – Monument Vittmi tal-Gwerra minn tal-Arriva.

xi Dwar ir-Restawr tan-niċċa ta' San Pawl, is-Sindku qal li issa f'idejn is-Seg. Eżek sabiex Restawr tan-

ikompli jsegwi l-affarijiet u jikkuntattja lill-Kuntrattur magħżul ħaddi jinbeda x-xogħol. Niċċa

xii Dwar il-każ tas-Sur Maurice Mallia, qal li dan issa ġie effettivament magħluq u s-Sur Mallia tħallas dak li kien qal kien dovut lilu. Kaz tas-Sur Maurice L. Mallia

Xiii Rigward il-PV System, is-Sindku nforma lill-Kunsill li kemm dik ta' fuq il-latrina pubblika relatata mal-proġett ERDF kif ukoll dik ta' fuq id-Dar tal-Kejka marbgħuta mal-Iskema Enerġija Alternattiva maħruġa mid-DGL, ġew installati. PV System

**3 Affarijiet Finanzjarji – Skeda ta' Pagamenti**

i Il-Kunsill approva unanimament l-Iskeda ta' Pagamenti nru 54/06. Din l-iskeda ġiet iffirmata mis-Sindku l-Kav. Paul Farrugia, mis-Seg. Eżek is-Sur Paul J. Pace u minn żewġ Kunsillieri.

**4. <u>Għeluq tal-Laqgħa</u>**

i. Il-laqgħa ntemmet fis-6.30pm. Din kienet l-aħħar laqgħa tas-Sitt Leġislatura.

Kav. Pawlu Farrugia KLJ CMLJ
Sindku

Sur Paul Pace Dip. B. A. Bus Mangt MBA
Seg. Eżek